

P6_TA(2008)0026

Il-kontroll ta' persuni fuq fruntieri esterni ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom (COM(2007)0508 – C6-0280/2007 – 2007/0186(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: I-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0508),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 62(2)(a) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0280/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emadata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2007)0186

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-31 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru .../2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att legisslattiv finali, Deċiżjoni Nru 586/2008/KE.)